

IL-PONT

miġbura minn Patrick SAMMUT

ħarġa Nu. 28 - **JANNAR 2015**

# editorjal

Spiċċat sena oħra, għadda Diċembru, għadda x-xahar tal-Milied, ix-xahar li għal ħafna huwa wkoll uġigħ ta' ras proprju għax tilef kull tifsira spiritwali u akkwista biss tifsira materjali. Għal bosta l-Milied ma jfisser xejn ħlief il-preżent, mela qtugħ komplet mill-passat, mill-messaġġ veru tal-miġja ta' Kristu fid-dinja, u minħabba f'hekk qtugħ u tnessija ta' dak kollu li l-bniedem kellu jgħaddi minnu matul is-sekli. U mit-tnessija ma titgħallem xejn ħlief kif issir dejjem iktar egoist, kif tipprova tgħaffeġ lil ta' madwarek b'mezzi differenti biex takkwista dejjem iktar setgħa. Proprju din it-tnessija u dan l-egoiżmu jagħtu l-lok biex ikomplu jeżistu l-gwerer bejn il-popli, id-distakk enormi bejn is-sinjur u l-fqir, l-aljenazzjoni, l-omertà, l-indifferenza tal-massa u l-manipulazzjoni min-naħa tal-klassi li tmexxi. Dan jippermetti wkoll biex nibqgħu muta, jekk mhux inċapċpu, quddiem l-aġir tal-"politikant" (li jidħol għall-politika mhux biex iservi imma biex igawdi kull privileġġ li toffrilu s-sitwazzjoni), filwaqt li ninsew x'għandhom ikunu l-veri dmirijiet u obbligi tal-"politiku" (li jiġi elett mill-poplu biex iservi u jtejjeb is-sitwazzjoni soċjali u xejn iktar). Dwar dan kiteb Leonardo Sciascia f'rumanz bħalma hu *A ciascuno il suo* (1966), rumanz li baqa' attwalissimu. Minn hawn niżżi ħajr li dawk il-ftit kittieba, fosthom Mario Azzopardi u Tarcisio Zarb, li b'kuraġġ, b'responsabbiltà u b'determinazzjoni ma jibżgħux isemmgħu leħinhom kontra din is-sitwazzjoni tal-biki permezz ta' kitba oġġettiva , ikun f'liema spazju jkun.

Imbagħad jiġi Jannar. Dan ma jintrabatx biss mal-bidu ta' sena ġdida. Jannar huwa x-xahar li fih jitfakkru l-vittmi tal-Olokawst. Hemm letteratura sħiħa li tiddokumenta din it-traġedja umana li xi wħud jagħmlu minn kollox biex inessuhielna. F'moħħi għandi xogħlijiet bħal *Se questo è un uomo* u *La tregua* ta' Primo Levi, *Night* ta' Elie Wiesel, *The Diary of a Young Girl* ta' Anne Frank, *The Boy in the Striped Pajamas* ta' John Boyne, *The Book Thief* ta' Markus Zusak, *The Reader* ta' Bernhard Schlink, *The Painted Bird* ta' Jerzy Kosinski, biex insemmi biss ftit. F'dawn ix-xogħlijiet, imma anki f'eluf ta' ġemmi oħrajn tal-letteratura, hemm it-tweġiba għal min jgħid li l-letteratura ma tiswa għalxejn. Il-letteratura tfakkar lill-bniedem f'dak li realment huwa: ħolqien ċkejken tad-demm u l-laħam bil-punti b'saħħithom u dgħajfin tiegħu, bil-waqtiet pożittivi u negattivi f'ħajtu. Il-letteratura b'hekk tfakkarna li aħna bnedmin u b'hekk għandna nġibu ruħna tali. Dan jintrabat mal-kliem tal-kittieb Ċilen, Louis Sepulveda, waqt intervista f'Novara fl-Italja f'Diċembru li għadda: "L'unico senso che giustifica l'appartenenza al genere umano è la fratellanza, si deve arrivare a una idea di progresso condivisa da tutti." (http://www.oknovara.it/) Il-veru progress ma jitkejjilx ekonomikament jew finanzjarjament, imma minn kemm poplu huwa ċivili jew le, kemm jirrispetta lil ta' madwaru jew le.

Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

# l-aħbarijiet

**IL-WIRJA MTELLGĦA MILL-BIBLJOTEKA NAZZJONALI FIL-FIERA TAL-KTIEB 2014**

Bejn it-12 u s-16 ta' Novembru 2014, il-Biblijoteka Nazzjonali pparteċipat fil-Festival tal-Ktieb permezz ta' wirja ta' kotba mill-kollezzjonijiet tagħha. Il-wirja tqassmet f'żewġ sezzjonijiet – kotba bil-Franċiż u kotba dwar il-mediċina. Fis-sezzjoni tal-kotba bil-Franċiż kien inkluż volum mill-*Encyclopédie* miktuba minn Diderot u D'Alembert u ppubblikata fi Franza bejn l-1751 u l-1772. Intwerew wkoll edizzjoni tal-1734 tax-xogħlijiet tad-drammaturgu Jean-Baptiste Poquelin magħruf bħala Molière, kif ukoll *Traité sur la Tolérance* (s.l., 1764) tal-filosofu magħruf Voltaire. Kien hemm ukoll żewġ volumi anonimi bl-isem *Les Illustres Françoises* (Utrecht, 1738), li kienu nkitbu minn Robert Challe. Xogħol anonimu ieħor fil-wirja kien it-tieni edizzjoni ta' *De l'Universalité de la Langue Française* (Berlin, 1785), ta' Antoine de Rivarol. Is-sezzjoni dwar il-mediċina inkludiet xogħlijiet importanti ta' żewġ tobba Maltin – Michel'Angelo Grima u Giuseppe Demarco. Fil-wirja kien hemm ix-xogħol ta' Grima *Della Medicina Traumatica* ppubblikat f'Firenze fl-1773. Giuseppe Demarco kien tabib, xjentist u filosofu. Il-wirja esibiet ix-xogħol tiegħu *Tractatus Mechanicus de Non Naturalibus* ippubblikat f'Avignon fl-1748. Esibiti oħra kienu żewġ volumi tax-xogħlijiet tat-tabib tal-Greċja Antika u missier il-mediċina moderna Ippocratu stampati ġewwa Venezja fl-1588, il-ktieb illustrat bl-inċiżjonijiet *Traité Pratique des Hernies* (Paris, 1812) ta' Antonio Scarpa u *Corso di medicina clinica in cui sono esposti i principi della medicina organica* ta' Léon Louis Rostan u ppubblikat f'Firenze fl-1846.

**IMNEDIJA TLIET KOTBA DWAR MIKIEL ANTON VASSALLI**

Nhar l-14 ta' Novembru 2014, waqt il-Festival tal-Ktieb, f'Dar il-Mediterran, il-Belt Valletta, u fl-istand tal-KKM tnedew tliet kotba dwar Mikiel Anton Vassalli ppubblikati mill-istess dar tal-pubblikazzjoni. It-tliet kotba kienu *Minn Fomm Vassalli – Tagħrif Ġdid fil-Manuskritti tal-Kanonku Fortunato Panzavecchia* ta' David Agius Muscat u Olvin Vella; *M.A, Vassalli 1764-1829 – An Enlightened Maltese Reformer* tal-Prof. Frans Ciappara; u *L-Avukat Giuseppe Elia Pace 1742-1820 – Ħabib ta' M.A. Vassalli f'Ruma* ta' Karmenu Bonavia. Waqt it-tnedija ħadu sehem David Agius Muscat, Karmenu Bonavia, il-Prof. Frans Ciappara u Olvin Vella.

**IL-PREMJU LETTERATURA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2014-2015**

Ir-rebbieħa tal-Premju Letteratura għaż-Żgħażagħ din is-sena kienu Stephen Lughermo bir-rumanz *X'Aħna Smart* u Leanne Ellul bi *Gramma*. Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premju saret waqt il-Festival tal-Ktieb fis-16 ta' Novembru li għadda. Dan il-konkors hu fdat lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Aġenzija Żgħażagħ.  Iż-żewġ rumanzi rebbieħa ntagħżlu minn tmien manuskritti parteċipanti. Iż-żewġ rebbieħa ngħataw tazza flimkien ma' premju ta' elf ewro u ċertifikat. Apparti dan ir-rebbieħa qed jiġu offruti għall-ewwel darba li jattendu *workshops* fil-kitba kreattiva biex itejbu l-kapaċitajiet tagħhom fil-kitba. Il-manuskritti rebbieħa se jiġu ppubblikati wara li toħroġ stedina lill-pubblikaturi fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti lokali.



**Leanne Ellul (lemin) tingħata l-ċertifikat.**

**ID-DRAMM *MARJELENA* TA' LEANNE ELLUL**

Fl-aħħar ġimagħtejn ta' Novembru 2014 fi Pjazza Teatru Rjal ittella' l-ewwel dramm ta' Leanne Ellul bl-isem ta' *Marjelena*. Dan id-dramm ittella' bl-appoġġ tal-Kunsill tal-Arti ta' Malti u kellu d-direzzjoni ta' Josette Ciappara. Il-produzzjoni tad-dramm kienet f'idejn l-atturi tad-dramm, il-Bakkanti Troupe, magħmul minn Alison Abela, Louise Fenech, Gilbert Formosa, Mandy Mifsud, Olivia-Ann Marmarà, David Scicluna Guisti u Aldo Zammit. Id-dramm, li hu rakkont ta' żegħil u anki ta' abbuż, ippreżenta diversi faċċati tal-ħajja ta' Marjelena: bid-dwejjaq u l-ferħiet tagħha,  b'dak li ġralha fil-passat u dak li għadu jiġri warajha fil-preżent.

# l-aħbarijiet

**LAQGĦA MA' KITTIEB U ĠURNALIST FRANĊIŻ**

Nhar l-14 ta' Novembru, waqt il-Festival tal-Ktieb 2014, ir-rumanzier, ġurnalist, saġġista u bijografu, Pierre Assouline, kien intervistat mill-Prof. Anthony Aquilina dwar il-ħajja tiegħu u xogħlijietu. Il-bijografiji ta' Assouline jittrattaw firxa eklettika ta' suġġetti u bħala ġurnalist ikkontribwixxa f''Lire' u 'Le Nouvel Observateur'. Bħalissa jieħu ħsieb il-blog tiegħu 'La République des livres' (http://passouline.blog.lemonde.fr/). Okkażjoni bħal din ġiet organizzata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb f'kollaborazzjoni mal-Ambaxxata Franċiża f'Malta.



**Il-kittieb u ġurnalist Pierre Assouline.**

**IL-GRAMMATIKA TAD-DAGĦA**

Nhar is-27 ta' Novembru fil-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu, saret taħdita minn Olvin Vella bl-isem ta' "Il-Grammatika tad-Dagħa". Dan seħħ f'rabta mal-wirja temporanja "L-Inkwiżizzjoni Rumana f'Malta". Ta' min ifakkar li tliet mitt sena ilu, min kien jidgħi kien jittella' quddiem l-Inkwiżitur. L-Inkwiżitur kien jisma' d-dagħwa bil-Malti imma jiktibha bit-Taljan. Rari kien iniżżilha kif jismagħha. Imma xi drabi, għal raġuni li għadha mhix magħrufa, id-dagħwa ġabha wkoll bil-Malti. Bis-saħħa t'hekk illum setgħu jinkixfu elementi qodma tal-grammatika.

**L-AKADEMJA TAL-MALTI TFAKKAR IL-250 SENA MIT-TWELID TA' M.A. VASSALLI**

Nhar it-3 ta' Diċembru, f'Dar l-Ewropa, fil-Belt Valletta, l-Akkademja tal-Malti fakkret l-anniversarju tal-250 sena mit-twelid ta' Vassalli billi organizzat konferenza li matulha xxandru sejbiet ġodda. Il-konferenza nfetħet minn Joseph P. Borg u tmexxiet minn Dr. George Farrugia. Il-kelliema kienu Dr Giovanni Bonello, li tkellem dwar "Il-bijografija tal-Avukat Giuseppe Pace, benefattur ta' Vassalli"; Dr Mario Cassar, bi studju intitolat "L-iskrutinju tal-kunjomijiet fil-*Lexicon*"; Dr Robert Thake, b'taħdita bl-isem ta' "Titlu inqas fil-biblijografija ta' Vassalli"; Dr Charles Xuereb, bi studju bl-isem ta' "Vassalli Pariġi fl-1807: kif kien jidher, fejn kien joqgħod"; u Dr Albert Ganado, dwar "Il-ħarba ta' Vassalli minn Malta għal Franza". Il-konferenza ngħalqet mill-Prof. Frans Ciappara.



**Il-pubbliku li attenda għal-Lejla ddedikata lil M.A. Vassalli.**

**IL-KANTILENA—KARBA TA' 500 SENA, KARBA TA' ŻMIENNA**

Dan ix-xogħol ittella' nhar il-5 u s-6 ta' Diċembru 2014 fit-Teatru Manoel. Huwa ispirat mill-*Kantilena* ta' Pietru Caxaro, l-iktar poeżija antika miktuba bil-Malti li għandna s'issa. Permezz tal-allegorija dan ix-xogħol storiku tqiegħed f'kuntest modern, anki bis-saħħa tal-poeżija Maltija moderna u tal-arti, mużika u koreografija kontemporanji. L-idea oriġinali u l-produzzjoni tal-mużika ġew afdati lil Reuben Pace. Il-poeżiji tħallew f'idejn Charles Flores u Simone Inguanez, b'koreografija ta' Francesca Tranter, Direttur artistiku tal-Contact Dance Company.

**JINĠABRU FI KTIEB L-ITTRI TA' MĦABBA TA' VLADIMIR NABOKOV**

F'Settembru 2014 ħareġ il-ktieb *Letters to Véra - Vladimir Nabokov*, editjat u maqlub għall-Ingliż minn Olga Voronina u Brian Boyd. Jiġbor fih l-ittri appassjonati li l-kittieb Russu kiteb lil Vera Slonim, dik li kellha tkun il-maħbuba u martu għal għomru. Dan il-ktieb hu ppubblikat mill-Penguin Classics.

# l-aħbarijiet

**AMOS OZ JIRĊIEVI L-PREMJU LETTERARJU SIEGFRIED LENZ**

F'Novembru li għadda l-kittieb Iżraeljan Amos Oz kien l-ewwel wieħed li rċieva l-Premju Letterarju Siegfried Lenz f'Amburgu. Huwa ġie mfaħħar mill-Ministru tal-Affarijiet Barranin Ġermaniż u deskritt bħala bniedem li ilu snin twal iħaddem is-setgħa tal-kelma u tar-raġuni matul il-kriżi tal-Lvant Nofsani. Oz kiteb ml-500 esej politiku u bosta rumanzi. Huwa magħruf ħafna anki fil-Ġermanja fejn ħadem bħala Professur tal-Poetika f'Tübingen fl-2002. Oz twieled fl-1939 f'Ġerusalem. Kien jinteressa ruħu fl-ilsna u fil-letteratura sa minn meta kien żgħir. B'kollox ippubblika iktar minn 30 ktieb, 14 minnhom rumanzi, flimkien ma' ġabriet ta' rakkonti, stejjer għat-tfal u ġabtiet ta' esejs. Xogħlijietu nqalbu f'42 ilsien, inkluż l-Għarbi. Fost il-kotba tiegħu, *Where the Jackels Howl* (1965), *Mr Michael* (1968), *Unto Death* (1971), *A Perfect Peace* (1982), *Black Box* (1987), *Fima* (1991), u *A Tale of Love and Darkness* (2003). Oz huwa Professur tal-Letteratura fl-Università ta' Ben-Gurion f'Beersheba.



**Il-kittieb Amos Oz.**

**BAĦAR JAQSAM - TAĦDITA LINGWISTIKA**

Din hija taħdita li saret fil-Common Room tal-Università ta' Malta nhar il-11 ta' Diċembru li għadda. Dr Michael Spagnol u s-Sur Keith Attard ippreżentaw ġabra mdaqqsa ta' differenzi lessikali fit-taħdit tal-Maltin u tal-Għawdxin, spjegaw kif ġabruhom, u ddiskutew l-esperiment li għamlu ma' grupp ta' kelliema żgħażagħ Maltin u Għawdxin. Fl-aħħar ippruvaw iwieġbu l-mistoqsija: Għaliex bejn il-kliem tal-Maltin u tal-Għawdxin hemm baħar jaqsam? Din it-taħdita ġiet imsejsa fuq l-istudju "Differenzi lessikali bejn il-Malti u l-Għawdxi" li jinsab f'*Leħen il-Malti* (għadd 33). L-attività ġiet organizzata mill-Għaqda tal-Malti – Università bl-għajnuna tal-Grupp Universitarji Għawdxin (GUG).

**KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA 'MONS. AMANTE BUONTEMPO' 2014**

Nhar l-4 ta' Diċembru 2014, l-Għaqda Poeti Maltin tellgħet is-Serata ta' Premjazzjoni tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija 'Mons. Amante Buontempo'. Fid-diskors tal-ftuħ tas-Serata l-President tal-Għaqda Poeti Maltin qal li kulħadd jidħol għall-konkorsi biex jirbaħ. Iżda f'ebda konkors ma jista' jirbaħ kulħadd. Fil-proċess tal-għażla l-Għaqda Poeti Maltin tagħmel minn kollox biex tkun trasparenti kemm jista' jkun. Il-Ġurija kienet komposta mill-Kav. Carmel Bianchi, u mis-Sinjuri Marlene Saliba u Josef Borg. Is-sottomissjonijiet għall-Konkors kienu tajbin ħafna, b'uħud minnhom jilħqu wkoll livell għoli. Il-poeżiji rebbieħa huma: **Sezzjoni tal-Malti -** L-Ewwel (Rebbieħa assoluta tal-Konkors): *ADAGIO* ta' Manwel Cassar; It-Tieni: JIEN HU L-BEDWIN ta' Raymond Grech; It-Tielet: BINTI TAR-RAMEL ta' Jonathan Balzan; **Sezzjoni tat-Taljan -** L-Ewwel: ZACHOR ta' Mario Attard; It-Tieni: *TRISTEZZA D'ANIMA* ta' Dr Michelle Muscat; **Sezzjoni tal-Ingliż -** L-Ewwel: *MOTHER TREE* ta' Therese Pace; It-Tieni: *MY SILENT CRY* ta' Josianne X. Azzopardi. Il-**Poeżiji Msemmijin b'Ġieħ huma:** *JISSOKTA* ta' Mary Anne Camenzuli; *IN-NISĠA BEJN SĦABA U JIEN* ta' Guido Lanfranco; *KELLIMNI ĦA TGĦIDLI X'QED JGĦIDU* ta' Dr Alfred Grech; *MATUTIN* ta' Stefano Farrugia; *MA TAFX* ta' Mary Anne Camenzuli; THE GRIM REALITY ta' Dr Joe Zammit Tabona; *RICORDI DI AUSCWITCH* ta' Alfred Palma.



**Ir-rebbieħa tal-Konkors "Mons. Amante Buontempo" 2014.**

# l-intervista

## Paul Zahra

***PATRICK SAMMUT* jintervista lil Paul Zahra dwar Salammbô *ta' Gustave Flaubert.***

*Dan ir-rumanz storiku jittratta dwar ir-rewwixta tal-Merċenarji f'Kartaġni wara l-Ewwel Gwerra Punika. Fir-rumanz Flaubert jibni mill-ġdid il-Belt ta' Kartaġni billi din ftit li xejn hemm dokumentazzjoni storika dwarha. Salammbô hi l-unika persunaġġ fir-rumanz li ma niltaqgħux magħha f'Polibju li serva bħala l-bażi għan-narrattiva ta' Flaubert. L-imħabba mċajpra bejn Mâtos u Salammbô tiżvolġi b'mod parallel mal-episodji storiċi mdemmija u attroċi ta' din il-gwerra li damet għaddejja tliet snin.*

*Dan hu t-tielet rumanz tradott minn Paul Zahra u hu t-tieni wieħed fis-sensiela Kollezzjoni Traduzzjonijiet Letterarji. Din il-pubblikazzjoni ta'* Salammbô *(2014) fiha introduzzjoni miktuba minn Zahra u Appendiċi bil-mudelli tal-ismijiet – kemm ta' persunaġġi u postijiet li jappartjenu għall-perjodu Puniku – li fuqhom mexa sabiex dawn setgħu jiġu tradotti għall-Malti.*




**Minn fejn twieled dan l-interess tiegħek lejn il-Letteratura Franċiża u anki lejn l-arti tat-traduzzjoni?**

Il-Letteratura Franċiża bdejt l-aktar ninteressa ruħi fiha meta kont għadni student lejn l-aħħar tas-sebgħinijiet meta kont għażilt li noqgħod għall-eżami fil-livell avvanzat tal-Franċiż. Għadni niftakar kien l-ewwel żmien meta missejt bil-lingwa Franċiża max-xogħlijiet ta' awturi bħal Molière, Albert Camus, André Gide u Victor Hugo. Sintendi, imbagħad komplejt nistudjaha l-Università ta' Malta bħala student tal-Franċiż fil-Fakultà tal-Edukazzjoni u wara li spiċċajt il-B.Ed. (Hons) mort Poitiers fejn lestejt Masters fil-Letteratura Franċiża, li fih speċjalizzajt fl-analiżi testwali ta' xogħlijiet letterarji Franċiżi.

Rigward it-traduzzjoni din minn dejjem kellha importanza kbira fl-istudji lingwistiċi tiegħi billi fiż-żmien li kont nattendi l-iskejjel sekondarji l-metodi tat-tagħlim tal-lingwi kollha, saħansitra l-Malti, kienet inkluża fihom it-traduzzjoni. Għalija t-traduzzjoni kienet strumentali biex tgħallimt il-Franċiż u aktar tard meta jien stess bdejt ngħallmu użajtha bħala għodda pedagoġika b'tali mod li l-istudenti setgħu mhux biss iħaddmu l-ħiliet lingwistiċi tagħhom iżda jiftħu wkoll orizzonti letterarji u kulturali ġodda sabiex jaslu biex jifhmu li ebda traduzzjoni ma ssir f'vakwu, li jeżisti kuntest u li l-kuntest jeħtieġlu jiġi maħkum biex it-traduzzjoni titwassal b'mod validu.

**Liema huma r-rumanzi l-oħra li diġà ħdimt fuqhom? Għaliex għażilt lilhom?**

S'issa ttraduċejt *Le Grand Meaulnes*/ *Mealunes it-Twil* ta' Alain-Fournier ippubblikat fl-2012 minn Faraxa, *La Maison du chat-qui-pelote* / *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu* ta' Balzac, awtopubblikazzjoni, 2013, l-ewwel ktieb fis-sensiela *Kollezzjoni Traduzzjonijiet Letterarji*, u *Salammbô* ta' Gustave Flaubert, ukoll awtopubblikazzjoni, 2014, u t-tieni ktieb fil-*Kollezzjoni*. L-għażla ta' *Meaulnes it-Twil* kont għamiltha billi kien wieħed mill-kotba li għallimt fil-livell avvanzat, *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu* kien wieħed mix-xogħlijiet letterarji li studjajthom f'Poitiers filwaqt li *Salammbô* mmotivawni l-aktar l-elementi tal-kultura klassika u tal-Istorja Rumana li jinsabu fih.

**[jissokta f'paġna 6]**

# l-intervista

## Paul Zahra

**Min huma l-qarrejja tal-Letteratura Franċiża f'Malta llum?**

Apparti l-istudenti u l-għalliema tal-Franċiż diffiċli tgħid min huma l-qarrejja li jinteressaw ruħhom fil-Letteratura Franċiża f'Malta. Iżda l-iskop tiegħi jmur lil hinn minn dawn il-qarrejja. L-għan tiegħi hu li l-letteratura Maltija tistagħna bix-xogħlijiet letterarji Franċiżi. It-traduzzjonijiet ta' xogħlijiet Franċiżi ta' din ix-xorta kollha jistgħu jinqraw bl-Ingliż iżda l-qarrejja li jħobbu jaqraw bil-Malti għandhom ikollhom il-lussu li jsibuhom bil-Malti biex l-għażla tagħhom tal-qari bil-Malti tkun aktar mifruxa.

Wieħed mill-gosti tiegħi kien meta qrajt bil-Malti t-traduzzjonijiet ta' *L-Ilìjade*, *L-Odissea* u *L-Enejde* ta' Victor Xuereb li diġà kont qrajthom b'lingwi oħrajn. Xogħlijiet tradotti jsiru xogħlijiet Maltin u fl-opinjoni tiegħi l-letteratura tradotta tinfilsa ruħha fil-letteratura vernakulari bis-saħħa tat-tħaddim tal-lingwa. Tassew jagħmel żball kbir min mhux jirrikonoxxi dan il-fatt speċjalment fil-kuntest li l-Malti hu lingwa minoritarja li jeħtiġilha tissaħħaħ b'mod awtentiku u mhux artifiċjali.

**Għaliex issa l-għażla waqgħet fuq ir-rumanz ta' Flaubert *Salammbô*? Kif ivarja dan mix-xogħlijiet li diġà qlibt għall-Malti qabel?**

Għażilt li nittraduċi *Salammbô* minħabba l-interess li għandi lejn l-istorja Rumana. Il-kultura u ċiviltà Rumana jaffaxxinawni. F'*Salammbô* Flaubert bena Kartaġni mill-ġdid billi l-ħerba li ħallew warajhom ir-Rumani ftit ħalliet traċċi ta' din il-belt. Fir-rumanz niltaqgħu ma' persunaġġi bħal Ħamilkar u Ħannibal li normalment naqraw dwarhom fil-kotba tal-Istorja. Hemm differenzi tematiċi kbar bejn *Meaulnes it-Twil*, *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu* u *Salammbô*. Minn tliet awturi differenti ma tistenna xejn aktar iżda l-akbar differenza li ħassejt jien u nittraduċi *Salammbô* hi l-intertestwalità intensiva mħaddma minn Flaubert, li ssib l-oriġini tagħha kemm fix-xogħlijiet Griegi u Latini kif ukoll fis-sorsi bibliċi. Apparti dan kollu jiena u nirriċerka r-rumanz skoprejt li l-ġenetika tar-rumanz tinkludi fiha saħansitra 'l Għawdex billi t-Tempji tal-Ġgantija kienu ta' ispirazzjoni għal Flaubert fid-deskrizzjoni tat-Tempju tal-alla Tanit f'Kartaġni.

**X'jista' jolqot lill-qarrej Malti f'dan ix-xogħol letterarju? X'jista' jitgħallem minnu?**

*Salammbô* hu kapulavur letterarju u bħala tali jinsabu fih diversi temi universali. Temi li fosthom insibu dik tal-ġlieda bejn il-klassijiet soċjali, ir-rwol tar-reliġjon fis-soċjetà, l-awtodistruzzjoni u l-kannibaliżmu f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, it-tema tal-opportunitajiet mitlufin, l-omosesswalità, in-natura umana, it-tema tal-uroboru eċċ. Biex il-qarrej jitgħallem minn *Salammbô* jeħtieġlu jaqra dwaru jiġifieri jfittex dwar dak li jgħidu l-kritiċi u l-istudjużi.

**Kemm tara li l-ilsien Malti huwa adatt u flessibbli biex jadatta ruħu għal xogħlijiet bħal dawn li qlibt?**

Il-Malti hu flessibbli biżżejjed biex jadotta bla xkiel l-istili mħaddmin minn awturi bħal Flaubert u Balzac. Il-prova konkreta ta' dan huma t-traduzzjonijiet li ppubblikajt s'issa.

**Aktar proġetti għall-ġejjieni?**

Bil-ħolqien tal-*Kollezzjoni Traduzzjonijiet Letterarji* li tagħha *Salammbô* hu t-tieni volum ikkummettejt ruħi mal-qarrejja tiegħi li nkompli naqleb xogħlijiet letterarji oħrajn tal-anqas possibbilment wieħed f'sena. Għall-2015 biħsiebni nippubblika *Le curé de Tours* ta' Balzac. Però l-lista ma tiqafx hawn... .

**GUSTAVE FLAUBERT twieled fit-12 ta' Diċembru f'Rouen, belt fit-tramuntana ta' Franza. Huwa kien rumanzier u drammaturgu. L-ewwel xogħol mitmum tiegħu kien *Novembru*, tal-1842. Wara xi żmien fl-Eġittu, fl-1950 Flaubert beda jikteb ir-rumanz ċelebri *Madame Bovary*, xogħol li ħadlu ħames snin biex kitbu u li għall-ewwel kien ċensurat. Aktar tard intlaqa' tajjeb mill-kritika. Kien fl-1858 meta Flaubert għamel vjaġġ f'Kartaġni biex jiġbor il-materjal dwar ir-rumanz *Salammbô* li ppubblikah fl-1862. L-aħħar rumanz mitmum tiegħu kien *L'Éducation sentimentale* li ħadlu seba' snin biex kitbu u ħareġ fl-1869 u li kien ispirat miż-żgħożija tiegħu. Kiteb ukoll xi xogħlijiet għat-teatru u għadd ta' stejjer. Matul ħajtu kiteb ukoll numru kbir ta' ittri li nġabru f'pubblikazzjonijiet varji. Flaubert miet fit-8 ta' Mejju tal-1880, fl-istess belt fejn twieled.**

# ktieb mill-qrib

***...maqful fil-ħabs ta' ġbini... - Il-Poeta tat-Tbatija Carmel Attard*, ta' Paul P. Borg, Horizons, 2014.**




Dan huwa volum massiċċ li ħtieġ u sewa ħafna ħin, saħħa u dedikazzjoni lill-awtur Paul P. Borg, hu stess ħabib kbir tal-poeta Carmel Attard. Paul P. Borg u Carmel Attard huma żewġ kittieba u ħassieba li kibru flimkien, qasmu flimkien il-ħelu u l-morr, għaddew sigħat twal jiddiskutu ħwejjeġ differenti; żewġ imħuħ u sensittivitajiet ta' natura li tixxiebah. Hu volum li jixħet dawl fuq wieħed mill-kittieba moderni ewlenin li ħalliena bikri, eżattament 20 sena ilu (f'Diċembru tal-1994).

Dan hu xogħol li juri fuq kollox sens ta' altruwiżmu u rispett kemm lejn dawk li telqu qabilna, kif ukoll lejn min ikkontribwixxa lejn wirt il-kultura t'art twelidu b'modi differenti. Hawn għandna fuq kollox poeta li għadda ħajtu jaħseb kemm dwar il-kundizzjoni umana inġenerali, kif ukoll dwar is-sitwazzjoni li għex fiha, mela Malta tas-snin 60, 70 u 80 fuq kollox. Kienet sitwazzjoni ta' pajjiż fejn l-ambjent naturali kien qed jibda jinqered minħabba l-progress u l-industrija tal-bini; sitwazzjoni fejn il-poplu kien għadu b'mentalità magħluqa u b'hekk kien jeħtieġlu jemanċipa ruħu u jimmatura rigward għadd ta' kwistjonijiet, fosthom il-morda mentali u persuni b'tendenzi sesswali differenti min-norma.

Dan ta' Paul P. Borg hu ktieb li joħodna fuq vjaġġ li permezz tiegħu nidħlu dejjem iktar 'il ġewwa fil-mod kif kien jaħsibha u jħoss Carmel Attard. Paul P. Borg jikteb ukoll dwar ir-relazzjoni ta' Carmel Attard ma' kittieba oħrajn ħbiebu, fosthom Mario F. Bezzina u Oliver Friggieri. Naqraw dwar Carmel Attard tifel, sa minn meta kien fuq il-bank tal-Mużew, żagħżugħ, ħaddiem mal-Enemalta, il-bidu tal-mard, fl-isptar Monte Carmeli, l-esperjenzi ta' delużjoni fl-imħabba, il-mixjiet f'imkejjen bħal Sant Anton, Ħal Balzan, Buġibba u l-Mosta.

Paul P. Borg qara sewwa djarji u pitazzi fejn Carmel Attard kien iniżżel noti, ħsibijiet, poeżiji, siltiet ta' proża u fuq kollox jiftakar minn xiex għaddew hu u Carmel Attard. Il-kumment ta' Paul P. Borg isir ħaġa waħda ma' siltiet mill-kitbiet (proża u poeżija) tal-kittieb li jittratta. Fuq naħa hemm is-soċjetà bosta drabi kiefra, magħmula minn "bnedmin lupi"; fuq l-oħra Carmel Attard il-bniedem, spiss vittma ta' din is-soċjetà. Waqt dan il-kumment hemm ukoll bosta deskrizzjonijiet ta' pajsaġġi naturali differenti, anki notturni.

Mhux l-ewwel darba li d-deskrizzjoni ta' Paul P. Borg tilħaq il-livell tal-poeżija permezz ta' xbihat mill-isbaħ, saħħa ta' sentimenti u riflessjonijiet profondi. Borg iħaddem xbihat bħal "l-ossiġnu tal-għajxien" jew "Mhux biss għex mir-rixtellu 'l ġewwa l-aħħar drabi li rajtu", fejn ir-rixtellu hu simbolu ta' għeluq fih innifsu u qtugħ minn dak li hu frugħa. Iħaddem anki lingwaġġ ta' protesta, b'saħħtu fejn hemm bżonn, lingwaġġ spiss użat anki minn Carmel Attard fil-kitbiet tiegħu.

Dan ta' Paul P. Borg hu ktieb li jintrabat ma' pubblikazzjonijiet oħrajn tiegħu li ġew qabel: novelli, rumanzi, riċerka, poeżiji, anki drammi, fosthom il-ġabra ta' novelli *Beżgħat* (1986), ir-rumanzi *Minn Fuq għal Isfel* (1991), *Bejn Mara u Qassis* u *Dal-Lejl Ġie Alla* (1986), id-dramm *Il-Madonna x'Ġenn*, il-ktieb *Selmun u l-Inħawi* (1989), u *Kelinu Vella Haber u l-Moviment tal-Malti* (2002).

**[jissokta f'paġna 8]**

# ktieb mill-qrib

Stilistikament nafu li l-kitba ta' Paul P. Borg qatt ma kienet faċli biex tinqara u lanqas ideali biex isserraħ lil dak li jkun. Anzi hija l-oppost: tiddisturba lil dak li jkun, tiġġenera wġigħ ta' ras fis-sens pożittiv u tistieden għar-reazzjoni. Insibu bosta ripetizzjonijiet, perijodi sintattiċi twal, analiżi psikoloġika tal-personaġġi in kwistjoni. Dan il-ktieb ta' tifkira u ta' kumment jieħu spiss l-għamla tan-narrazzjoni biex b'hekk hemm drabi meta l-qarrej donnu jinsa li dan mhux rumanz jew xogħol fittizzju imma kitba dwar ħwejjeġ li seħħew verament, anki bijografija.

Paul P. Borg hawnhekk jiddedika bosta spazju lil Carmel Attard bħala bniedem ħallieq - artist u poeta -, bniedem ta' "sensittività rari". Borg ma jiddejjaq xejn jikteb saħansitra dwar ħwejjeġ u episodji meqjusin bħala tabù – is-sess, il-masturbazzjoni, l-orgażmu, is-suwiċidju (jew il-mewt bħala l-ħelsien aħħari) - u li jistgħu jdarrsu lil ċerti qarrejja saħansitra llum, f'soċjetà ipokrita li tippoża mod imma taġixxi fl-oppost. Skont Paul P. Borg, kien il-"mard" ta' Carmel Attard li ħeles lil dan tal-aħħar mill-madmad tal-inibizzjonijiet.

Permezz ta' dan il-ktieb Paul P. Borg jirnexxilu jpoġġi f'dimensjoni dejjiema waqtiet li minkejja li seħħew deċennji ilu, illum ġew mogħtija sura billi ġew mibdula f'kitba, jew aħjar fi ktieb li l-għan tiegħu hu wkoll li jreġġa' għall-ħajja lil wieħed mill-kittieba u poeti ewlenin tal-poeżija Maltija tat-tieni nofs tas-seklu 20. Il-waqt li jgħaddi u jintemm f'sekonda jew ftit aktar hawn jitqiegħed f'dimensjoni fejn jaħkem dak li hu dejjiem u permanenti. Dak li għal snin twal kien f'moħħ Paul P. Borg taħt il-forma astratta tat-tifkira, issa ngħata sura u sar kważi tanġibbli permezz tal-kitba.

Paul P. Borg iżewwaq il-ktieb tiegħu b'bosta djalogi awtentiċi li seħħew bejnu u bejn Carmel Attard, djalogi li kemm jista' jkun iżommhom qrib ir-realtà kif seħħet. Dan hu anki ktieb li jgħin lill-qarrejja ta' Paul P. Borg jifhmu aħjar il-ġenesi tal-kitbiet tiegħu li ħadu sura ta' novelli, drammi, rumanzi u poeżiji, bosta minnhom diġà ppubblikati. Mela dan il-ktieb hu wkoll mera tal-karattru mhux biss ta' Carmel Attard imma wkoll ta' Paul P. Borg, li spiss jieħu s-sura ta' qrara u awtoriflessjoni. Aktar kemm jaqra minnu, il-qarrej ta' dan il-ktieb aktar jinduna li hu tip ta' tiftixa li Paul P. Borg jagħmel tiegħu nnifsu stess, u b'hekk nifhmu hu x'inhu, min hu verament bħala bniedem.

F'waqt minnhom Paul P. Borg jikteb hekk: " Jien kont ħabibu u jiena u miexi miegħu bla naf li kelli wkoll minnu? Naħseb bħalu, ninkedd bħalu. U nistaqsi lili nnifsi llum, kontx jien ukoll il-miskin li ma nistax ma naħsibx u ma niffittax fuq il-ħsibijiet li ma jirnexxilix irrażżan?"

F'idejna għandna wkoll kitba ta' natura terapewtika li tgħin lil Paul P. Borg jeħles minn tant uġigħ u għadab li kienu u għadhom jaħkmuh sal-ġurnata tal-lum. Mela fl-aħħar mill-aħħar hi kitba li trid tgħaddi wkoll messaġġ ta' natura soċjali: Borg ifakkarna li kien u għad hemm ħwejjeġ li jeħtieġ jinbidlu għall-aħjar biex id-drittijiet ta-bniedem – hu min hu – jiġu rispettati. Din ta' Borg hija għalhekk kitba ta' impenn. L-awtur stess jistqarr li kittieb ma jistax "ma jiktibx fuq dak li l-aktar idejqu u li l-aktar iweġġgħu." Huwa l-ħin kollu jalterna l-kumment personali tiegħu ma' siltiet – kemm ta' proża kif ukoll ta' poeżija - miktubin minn Carmel Attard.

F'partijiet oħrajn Paul P. Borg jippreżenta lil Carmel Attard bħala Ġesù eħor: vittma ta' soċjetà li ma fehmitux, għadda minn tbatija kbira, emmen fl-imħabba u baqa' sal-aħħar jafda f'Alla. Bħal Ġesù Carmel Attard aċċetta l-mewt bħala d-destin aħħari tiegħu, u l-mewt inftehmet bħala ħelsien u l-"ogħla espressjoni ta' mħabba li qatt wieħed jista' jesperjenza", il-waqt li jlaqqgħu ma' Alla.

Hemm drabi meta Paul P. Borg janalizza anki l-kalligrafija u d-daqqiet ta' sinjali bil-lapes, anki huma rifless tal-burdati, stati mentali u emozzjonijiet li ġarrab Carmel Attard. Mela anki f'dik li tidher geġwiġija Paul P. Borg jittanta jsib sens u tifsiriet moħbija imma importanti. Huma tifsiriet li huwa jfittex anki f'sempliċi vers wieħed imħażżeż fuq karta jew fl-istess spazji bejn il-kliem, jew bejn il-versi jew bejn l-istess ittri individwali. F'dawn l-ispazji Paul P. Borg jistħajjel "sikta kbira [...] li mhix ħemda imma hi mimlija ħoss u mimlija krib sewwa sew għax ma tinstamax." Borg ikompli hekk: "Il-ħoss nieqes huwa n-nota mhix miktuba, il-waqfa qasira li tleħħen b'mod qawwi l-ħsejjes madwarha. Hu silenzju li juri l-għajta qawwija tal-weġgħat li bilfors [Carmel Attard] kien għaddej minnhom u allura mhu silenzju xejn, u xejn ma jgħajjat aktar minnu biex donnu juri aktar dak li hemm mistur."

**[jissokta f'paġna 9]**

# ktieb mill-qrib



Il-kittieb Paul P. Borg.

Aktar 'il quddiem Paul P. Borg jikkonċentra fuq il-kitbiet ta' Carmel Attard fl-1994, is-sena li fiha għażel li jmut. Borg jinsisti ħafna fuq ir-rabta bejn żewġ waqtiet kruċjali fil-ħajja ta' Carmel Attard: it-tfulija/adoloxxenza u l-waqt aħħari meta bniedem jipprepara għall-mewt. L-analiżi ta' Paul P. Borg timxi id f'id mal-kitba ta' Carmel Attard: fit-tnejn jinħass *climax* li l-qarrej qed joqrob lejh.

F'dan il-ktieb Paul P. Borg joħroġ għad-dawl kitbiet ta' Carmel Attard – proża u poeżija – li qatt ma ġew ippubblikati. Insibu madwar 250 poeżija, flimkien ma' għadd ta' ħajku. Jagħmel riferimenti għal xogħlijiet ta' artisti magħrufa bħal Van Gogh, Picasso, Janusz Bardoch, Robert Jay Lifton u Tadeusc Sobolewicz, kollha personaġġi li esprimew il-kefrija tal-bniedem minn naħa u t-tbatija mill-oħra. Mela dan ta' Paul P. Borg hu ktieb li jagħmel parti minn din il-letteratura impenjattiva, letteratura li tipprova tqanqal lil min jaqraha, letteratura bħala arma.

Permezz ta' dan il-ktieb Paul P. Borg jgħin biex isem Carmel Attard ma jmut qatt: "Kien jaf aktar minn kulħadd li l-mewt lilu ma setgħet toqtlu qatt." L-insistenza fuq il-kelma "Għeb" f'wieħed mill-kapitli twassalna għall-aħbar aħħarija: il-mewt ta' Carmel Attard fis-17 ta' Diċembru 1994. Teknika u diskors jimxu l-ħin kollu id f'id.

**Patrick Sammut**

**TLIET POEŻIJI TA' CARMEL ATTARD:**

**MĦABBTEK**

Bħal vleġġa ħanina
laqtet qalbi mħabbtek.
Bħal dudu ferrovija
baqgħet ġejja l-imħabba.
Bħal tajra bla mistennija
bħal maġmar
bħal vulkan
bħal xemx
bħal qamar
bħal kwiekeb.

Bħal Alla.

Hekk hija mħabbtek.

**LILI MA SSIBNIX FIL-FOLLA**

Tassew
mhux sikwit issibni fil-folla,
mhux sikwit togħġobni kollha.

Mhux sikwit issibni nifli l-uċuħ
għax wiċċi huwa wiċċ il-folla
fil-konturi ta' wiċċha
u tinqara fihom l-għeja
u xi kultant id-disprament
ta' ħuti għaddejjin
bla ruħ, bla ġisem,
bla kunjom, bla isem.

**LIL DAVID U TEREŻA**

Bħal murtal tal-festa
    fetħet l-imħabba.
Bħal vapur jofroq l-ilma
    ċar u frisk waslet l-imħabba.
Bħal kewkba feġġa
    fi qlubkom qasmet l-imħabba.
Bħal xtieli torja
    hija mħabbitkom.

Fraġli daqs il-kristall
sħuna daqs demm martri
ġdida bħal tarbija mwielda
ħerqana daqs talba ta' poeta
    hija mħabbitkom.

# CANDIDE JEW L-OTTIMIŻMU ta’ Voltaire

**maqlub għall-Malti minn Alfred Palma, Dom Communications, 2014.**




Isem Alfred Palma llum huwa sinonimu għall-qasam tat-traduzzjoni. Kif jafu bosta huwa qaleb għall-Malti d-*Divina Commedia* ta’ Dante – xogħol li ħadlu għoxrin sena minn ħajtu -, id-drammi ta’ Shakespeare u xogħlijiet oħrajn ta’ Oscar Wilde u anki ta’ kittieba Franċiżi magħrufin. Hawn għandna x-xogħol tal-kittieb u filosfu Franċiż Voltaire li għex bejn l-1694 u l-1778, mela fi żmien l-Illuminiżmu, wieħed mill-iktar movimenti kulturali interessanti fl-istorja tal-Ewropa, imma anki żmien li fih ma naqsux l-ikbar atroċitajiet min-naħa tal-bniedem fuq bnedmin oħrajn bħalu.

*Candide jew l-Ottimiżmu* li nkiteb minn Voltaire fl-1758, meta kellu 46 sena, jifrex fuq bejn wieħed u ieħor 140 paġna u jinqasam fi 30 kapitlu. Dan inkiteb wara li fis-sena 1746 terremot kbir qered lill-belt ta’ Lima u wara li fl-1755 terremot ieħor laqat lil Lisbona u qatel eluf. Kull diskors ta’ tama u ottimiżmu għalhekk kien jinħass bħala perverżjoni.

It-tema ewlenija f’*Candide* hija s-sofferenza, filwaqt li l-istil li juża huwa wieħed spirituż, niggieżi, ironiku, imma anki wieħed fejn Voltaire jikxef l-istat ta’ korruzzjoni li fih kienet tinsab l-Ewropa fi żmienu. Dan kontra dak li kien qed iseħħ f’Eldorado, dak il-post ideali u utopiku fl-Amerka t’Isfel fejn l-abitanti ma kien jonqoshom xejn għax maqtugħin minn kull ġibda materjalistika. Voltaire jikkritika istituzzjonijiet differenti bħalma huma l-istat, il-monarkija, il-Ġustizzja, il-Knisja u l-Inkwiżizzjoni, imma anki aspetti oħrajn bħall-aristokrazija supperva u korrotta, il-materjaliżmu li ma jġib l-ebda ferħ imma biss aktar regħba u mibegħda, l-iskjavitù, it-tortura u l-bqija.

Alfred Palma jagħtina “Daħla” dettaljata mhux biss dwar dan ix-xogħol partikolari imma anki rigward il-ħajja ta’ Voltaire, kitbietu u l-filosofija tiegħu, kif ukoll dwar l-epoka li għex fiha. Il-protagonist huwa l-bniedem ta’ ħsieb liberu, Candide, li jgħaddi minn bosta tiġrib, parti kbira minnu ikrah. Huwa jagħmel dan il-vjaġġ li matulu jipprova jifhem jekk hux veru dak li kien jgħidlu l-għalliem tiegħu Pangloss, li fil-ħajja dak kollu li jseħħ huwa għall-aħjar, duttrina li kif jikteb Palma “hija perverżjoni tat-tagħlim tal-filosfu Leibniz”. Matul dan il-vjaġġ, li parti minnu jieħu l-għamla ta’ tfittxija għall-maħbuba ta’ Candide, Lady Cunegonde, Candide jiltaqa’ u jitlob li jakkumpanjawh - minħabba l-mod kif jaħsbu – personaġġi bħall-qaddej fidil Cacambo u l-ħassieb Martin. Matul dan il-vjaġġ ukoll Candide u ħbiebu jgħaddu minn sofferenzi estremi, imma dan Voltaire jagħmlu sabiex juri kemm in-natura umana tista’ tkun flessibbli u ma tħallix lilha nnifisha tintrebaħ mid-disperazzjoni, għallinqas għal żmien twil. Hija t-tama li żżomm lil Candide fil-wiċċ, minkejja t-tbatijiet kollha li jgħaddi minnhom.

*Candide* huwa wkoll xogħol ta’ natura morali fejn il-personaġġi bosta drabi jinfexxu f’diskussjonijiet u f’riflessjonijiet ta’ natura differenti. Fost oħrajn issir il-mistoqsija eterna: ladarba Alla huwa tajjeb u jista’ kollox, għaliex fid-dinja teżisti t-tbatija? Mistoqsija oħra li l-personaġġi jistaqsu lejn l-aħħar tax-xogħol *Candide* hija: x’inhu l-aħjar, jekk hux li l-bniedem ibati kull tip ta’ umiljazzjoni u wġigħ fiżiku, jew li jsib ruħu f’sitwazzjoni ta’ monotonija fejn ma jsibx x’jagħmel? Tweġiba għal din tal-aħħar jagħtiha x-xiħ Tork “ta’ dehra patrijarkali” fl-aħħar meta jgħid lil Candide u ħbiebu li “x-xogħol ikeċċi dawk it-tliet ħżunijiet kbar, il-monotonija, il-vizzju u l-faqar.” Hekk jiddeċiedu jagħmlu Candide u sħabu – wara li jkunu nefqu l-fortuna enormi li kienu ġabu magħhom minn Eldorado - fir-razzett żgħir fejn kienu jgħixu f’armonija u bieżla lkoll flimkien. B’hekk xogħol Voltaire jispiċċa kemm b’ton ta’ rassenjazzjoni imma anki ta’ ottimiżmu: huwa veru li kif jgħid Pangloss il-bniedem ma nħalaqx biex jgħix ħajja faċli, imma huwa daqstant veru illi x-xogħol jagħmel il-ħajja – li hija konkatenazzjoni ta’ esperjenzi marbutin waħda mal-oħra – iktar sopportabbli.

Bis-saħħa ta’ Alfred Palma, issa nistgħu naqraw kapolavur tal-letteratura u tal-filosofija Franċiża direttament f’ilsenna. Dan nistgħu nagħmluh bla ebda diffikultà ladarba t-traduzzjoni ta’ Palma tħaddem Malti mexxej, ċar u li jinftiehem bla tbatija.

**Patrick Sammut**

**LE POESIE IN ITALIANO DI ANASTASIO CUSCHIERI**
**Kitba ta' Dr Gerald Bugeja**

*Jannar huwa x-xahar tal-poeta Patri Anastasju Cuschieri O. Carm. Huwa twieled il-Belt Valletta fis-27 ta' dan ix-xahar fl-1872. Miet fil-25 ta' Lulju 1962. IL-PONT qed ifakkar lil dan il-poeta permezz ta' silta minn studju ħafna itwal ta' Dr. Gerald Bugeja.*



La recente pubblicazione dell'intera raccolta di poesie in maltese e in italiano di Anastasio Cuschieri da parte di Charlò Camilleri e Toni Cortis ha colmato una lacuna nella cultura letteraria maltese, dato che egli non solo non s'era mai adoperato a raccoglierle ma anche aveva l'abitudine di firmare le poesie, anche quelle in italiano, con iniziali e *nom de plume* diversi, e a volte senza neanche questi; il che spiega la scarsa attenzione rivolta nel passato alla sua opera da parte degli studiosi, paurosi di percorrere terreno minato; ciononostante non sono mancati studi validi che erano ostacolati purtroppo dallo spinoso problema delle attribuzioni. Ora, grazie all'acribia dei due curatori della succitata pubblicazione risulta spianato questo problema per cui si può apprezzare meglio, e valutare in modo più obiettivo, la sua opera poetica.

Cuschieri, frate carmelitano, filosofo e poeta, era ritenuto a Malta nei primi decenni del Novecento il decano dei poeti, dei filosofi e oratori locali. Pubblicava spesso le sue opere nella rivista «Il Monte Carmelo» a Roma, nella «Rivista di filosofia neoscolastica» a Milano, in «Malta letteraria», rivista prestigiosa pubblicata nell'isola, nonché studi agiografici in altre riviste. Nato nel 1876 alla Valletta, Cuschieri sentì sin da piccolo la vocazione religiosa: infatti all'età di quindici anni, nel 1891, entrò nell'Ordine Carmelitano. Dopo la laurea, proseguì gli studi filosofici a Roma all'Università Pontificia Tommaso d'Aquino e quelli teologici in quella Gregoriana. Dopo il dottorato, gli fu conferita la cattedra di filosofia all'Università di Malta. A lui venivano commissionati panegirici, orazioni universitarie e discorsi importanti in occasioni speciali, tutti tenuti in italiano, essendo allora l'italiano la lingua culturale. Egli era non solo un bravo oratore e pio religioso (è noto come il poeta della Madonna, dato che sono tante le poesie dedicate alla Vergine), ma anche una persona stimata all'interno del suo Ordine (fu eletto due volte provinciale della regione maltese della comunità carmelitana), oltre ad essere impegnata sul fronte civile: fu eletto due volte senatore negli anni venti; visse il trauma dell'anglicizzazione dell'isola da parte delle autorità britanniche, battendo fino all'ultimo per la conservazione della tradizionale cultura latina: rimane infatti un mistero come lui, grande italofilo, non sia stato internato ed esiliato allo scoppio della seconda Guerra mondiale. Di un certo interesse per l'italianistica risulta lo sparuto -ma consistente- gruppo di poesie in italiano raccolte nella summenzionata pubblicazione.

Le poesie in italiano che si ricontrano in questa raccolta sono sedici (quattordici sono originali e due sono traduzioni) e si iscrivono in un arco di tempo che vanno all'incirca dal 1905 fino al 1936. Come ci si aspetta da un religioso, la maggioranza tratta motivi religiosi o religiosi/encomiastici inneggianti alla Madonna e ai santi dell'Ordine carmelitano, come a Santa Maria dei Pazzi, a Santa Teresa di Gesù e a San Alberto degli Abbati. Alcuni hanno elementi bucolici, che servono però quasi sempre come sfondo a qualche riflessione di natura teologica o politica. Le poesie, che dal punto di vista formale sono tutte di stampo classico, si possono dividere in tre gruppi: primo, sonetti, un'elegia e una canzone; secondo, inni o canzoncine; terzo, traduzioni.

Fra le poesie spicca la canzone *Nell'annua ricorrenza della Vergine del Carmine*. Si tratta di una canzone tradizionale di sette strofe, ognuna di quindici versi con il seguente schema: AbacDcEeffgHiih. Si tratta di una canzone con stanze di endecasillabi e settenari liberamente costruiti, ma tutte aventi la struttura della prima (come enunciava il Bembo), vale a dire una canzone che s'è evoluta nel Cinque e Seicento da quella petrarchesca però lontana dalla canzone

# tifkira: ANASTASJU CUSCHIERI




libera leopardiana. Il linguaggio è forbito, ricco inoltre di dittologie (*questo superbo e misero mortale*, v.5; *che di dolori e di travagli è fatto*, I,v.12), di termini arcaici e di latinismi (*are* 4,v.1). La poesia è una preghiera rivolta alla Madonna, invocata come madre che ha pietà per i suoi figli che ne hanno bisogno particolamente ora che *la progenie* è *traviata* (6, vv.4-5).

Molto interessante la terza stanza in cui il poeta si lamenta che il suo secolo sia così diverso dal Medioevo: *Come da' prischi secoli diverso/ è il secolo in cui i' nacqui*!. Questa struggente nostalgia per il Medioevo era diffuso nei poeti romantici cattolici ottocenteschi, visto come l'epoca in cui le verità teologiche avevano tanta risonanza nelle arti e nella letteratura (basti menzionare la *Divina Commedia*) che il neoscolasticismo metteva di nuovo in rilievo proprio allora.

Che Cuschieri avesse dimestichezza con scrittori cattolici romantici è testimoniato dall'accenno alle cattedrali dedicate nel Due e Trecento alla Madonna: *Sacre per l'universo/sorgean le cattedrali/ al tuo nome* (vv3-5) innalzate per mano del *possente genio dei padre* (vv.9-10). Era il romantico Chateaubriand che nel suo bestseller *Genie du Christianisme* parla con trasporto dell'emozione che si prova stando dentro una cattedrale gotica. Ed è significativo il termine "genio" che evoca lo stesso termine del titolo dell'opera del francese.

Nella quarta stanza il poeta si lamenta dell'impoverimento dell'arte (*Ecco nel fango/io veggio impaludare/i cuori insieme e l'arte*), risultato del ruolo subordinato della letteratura alla scienza e alla filosofia (come suggerivano gli Illuministi), su cui attirò l'attenzione il critico Snow negli anni Cinquanta, e su cui è tornato recentemente a porre l'accento un critico italiano, Girardi: per questo si nota la "decadenza della civiltà occidentale", di cui si lamenta appunto il poeta maltese.

Cuschieri rileva pure il caos e il disordine causati dalla Riforma Protestante, chiamata *bieca ira* (v.5), per cui si creò la scissione all'interno della religione cristiana (*scissa venne in parte la religion degli avi* , vv.6-7); in uno studio sul poeta Battista Spagnoli Cuschieri stesso fa riferimento al danno provocato dalla Riforma con riferimento allo scritto dell'italiano *De calamitatibus temporum*. Secondo me, il poeta accennerebbe pure alla perdita del prestigio e del potere temporale della Chiesa causata prima dalla Rivoluzione Francese e in seguito dall'Unità d'Italia nel 1860 con l'espressione *abbattendo are e troni* (v.14), che rende *deserte* (v.2) le prime. [...]

L-istudju sħiħ jista' jinqara billi tagħfas din il-ħolqa: http://patrickjsammut.blogspot.com/2014/12/le-poesie-in-italiano-di-anastasio.html

**NELL'ANNUA RICORRENZA DELLA VERGINE DEL CARMINE (silta)**

Dolce Signora che conosci a prova
gli umani affanni, e sai
che pace mai non trova
ne la terrena stanza
questo superbo e misero mortale
se a lui non in cor la speranza
come faro da l'altro non arrida
e te celeste guida
il suo pensier non segua,
a te, conforto e tregua
al viver mio pregando
che di dolori e di travagli è fatto,
io vengo oggi e mi prostro
o del genere nostro
unico spirito intatto.

Ben so che il vulgo sciocco non applaude,
me curvo il capo all'aria
tua veggendo; ogni laude
serbando a fole corre
ove il piacer si come serpe annoda;
pur sta e, come corre
all'infuriar de l'aquilo, non cede
a lo schermo; mercede
Vergine [...]

**(minn *P.A. Cuschieri Kitbiet Miġbura I Poeżiji*, Edizzjoni Kritika ta' Charlò Camilleri u Toni Cortis, Provinċja Karmelitana Maltija, 2013)**

***N. 28***

L-ogħla enimma moħħ il-bniedem.

Għandu s-skiet aridu
ta' qigħan l-oċean;
għandu t-tbaqbiq jikwi
tal-eħrex vulkan;
kultant jimliek ewforja ferħ
kultant idehxek bħal għafrit.

Il-moħħ, skifuż u misterjuż,
jaf joxxilla mhux ftit.
Jaf joħloq ġenna minn infern,
infern minn ġenna,
manna fid-deżert jew xita ta' kubrit.

**VICTOR FENECH**

**KEMM BOGĦOD**

Kemm bogħod bejn kewkba u oħra!
Xi spazju kbir u skur!
Dan univers li tħossu
jitwessa' kulma jmur.

Kemm bogħod bejn kewkba u oħra
u x'vojt tremend ta' skiet!
Dan univers li ġġarrbu
bil-qtugħ ta' xi rabtiet.

Kemm ksieħ bejn kewkba u oħra!

**ĠORĠ BORG**

**INTERNET**

It doesn't make noise
and doesn't require an appointment.
The internet moment
may last for years of dreams
never stopped by imagination.
Nevertheless, the internet
that today doesn't admit
discrimination by age,
color, race, political party,
religion or citizenship,
has also invaded
our homes and our souls,
and is still unable to extend
or even to develop
human intelligence.

**TERESINKA PEREIRA**
***L-iStati Uniti***

**TLABT U RQADT**

U lgħabt u fraħt
u tlift u rbaħt;
u ħdimt għajjejt
u d-diqa ħbejt;
u tlabt u rqadt.

Ħerqan stenbaħt
għamilt li flaħt;
għotort u mxejt
bis-sħiħ żammejt;
u tlabt u rqadt.

U xtaqt bla qlajt
is-sogħba rajt;
l-imgħoddi bkejt
minnu għaddejt;
u tlabt u rqadt.

U qomt erġajt
it-triq terraqt;
il-piż ġarrejt
fis-skiet inħbejt;
u tlabt u rqadt.

U qrajt u smajt
tgħallimt studjajt;
għent u ħabbejt
għax hekk trabbejt;
u tlabt u rqadt.

Fit-tama fdajt
bla qalbi qtajt;
il-Kelma obdejt
għax biha nfdejt;
u tlabt u rqadt...

**JOE SANT**

Bħall-ilma tan-nixxiegħa
il-versi, kisknijiet
bil-ħeffa niżlu jiġru
xi mkien minn ġos-smewwiet.

**CHARLES CASHA**
**(Minn *RIFLESSI*, 2014)**

**FIR-RESTURANT**

Dan il-wejter iggradwat
bil-fardal immakulat,
kliem u ġesti bil-virtù,
resaq tani l-menù.

It-*thai chicken* platt imħawwar
mill-aroma qisu msawwar
iżda t-togħma fiha l-arja
ta' xi influwenza avjarja.

Il-*bistecca fiorentina*
tal-menù qisha r-reġina
'mma min jaf hix mill-kunjata
ta'xi baqra l'hi żmagata.

Xi *pork chop well done* sal-aħħar
dari kienet lili ssaħħar,
'mma l-aptit illum isiefer
bl-iċken ħsieb ta' lsien u dwiefer.

L-insalata hi ħajjara,
b'ħassa, ħjara u kappara,
iżda mbagħ'd nitlef kull gost
dik bil-bexx u dik bl-egżost.

Ħuta tal-Mediterran
sagħtejn qabel sfat fi ħdan
xbiek sajjied ta' Marsalforn
f'platt "lampuka bil-kontorn".

Kollha lwien din il-lampuka
b'mitt żerniq tas-sajf midluka;
forsi tilgħaq messha l-lant
lil xi povru immigrant.

Xtaqt mill-mejda stajt inqum,
…biss minn għada nibda nsum!

**JOE W. PSAILA**

**SHE...THE POEM**

The poem about her
decanted with my tears
through decades
arises

And, within the time of  blenching
light flashes
through the distance and intention...

The poem dissappeared
with return of her.

Am I wrong,
Or she is my
...poem?

**SABAHUDIN HADZIALIC**
***Il-Bosnia-Herzegovina***

**BLA IDENTITÀ**

Qasqast farfett mimli lwien
farfett farfett qasqast bla tmiem.
B'dari u madwari ħannieqa ta' lwien
ħassejtni farfett kemm naqbad u ntir.

Qasqast suldat bl-azzarin
suldat suldat qasqast –
reġiment li ma jafx tmiem.
F'marċ wieħed imxierka stħajjiltna
għall-gwerra bla ħniena sejrin.

Qasqast uċuħ il-bnedmin
uċuħ uċuħ qasqast bla tmiem:
uċuħ kbar u żgħar, koroh u sbieħ…
Wiċċi biss kien jonqos inqasqas
imma għalkemm fittixtu ma sibtu mkien.

**MARIO ATTARD**
**(Minn *TRIFOLJU TA' LWIEN*, ta' Mario Attard,**
**Patrick Sammut u Frank Zammit, 2014)**

**TANKA U ĦAJKU**

We will receive soon enough
The hollow warnings
From the large stalls
Of the Desolation Theatre.
Everything was in vain.

The Russian roulette
Can hide the traps
Of a fake destiny.

**NADIA-CELLA POP**
***Ir-Rumanija***

# minn fuq l-ixkaffa




***FTIT DAWL GĦAL MATUL IT-TRIQ* ta' Stephen Zammit, Pubblikazzjoni Preca, 2014.**

Fl-okkażjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 12–16 ta' Novembru 2014, *Pubblikazzjoni Preca* tal-Blata l-Bajda ppubblikaw ktieb ġdid ta' Stephen Zammit bl-isem *FTIT DAWL għal matul it-triq*. Stephen Zammit huwa membru ħabrieki tas-Soċjetà M.U.S.E.U.M. li jaħdem fil-missjonijiet tal-istess Soċjetà. Matul dawn l-aħħar għaxar snin Stephen kien jinsab fil-missjoni l-Perù fejn għadu sal-lum. Kemm ilu fil-Perù Stephen kellu sehem fil-pubblikazzjoni ta' kotba ta' Katekiżmu għat-tfal u qaleb fl-Ispanjol u ppubblika diversi kotba ta' San Ġorġ Preca. *FTIT DAWL għal matul it-triq* fih ġabra ta' 34 riflessjoni msejsa fuq il-kitba ta' San Ġorġ Preca u xi awturi magħrufa oħra. Xi paġni fil-ktieb juru kwotazzjoni mseddqa bi stampa relatata li tgħin għar-riflessjoni. Il-ktieb ikopri 200 paġna u għandu qoxra attraenti bil-kulur maħduma minn Warren Busuttil. Jinbiegħ mil-Librerija Preca fil-Blata l-Bajda u mill-ħwienet tal-kotba ewlenin.




***RIFLESSI* ta' Charles Casha, 2014.**

Wara li s-sena l-oħra Charles Casha ħareġ il-ġabra poetika bl-isem ta' *Mumenti,* din is-sena qed joħroġ din il-ġabra ta' poeżiji ġdida li tiġbor fiha 50 kitba oħra. Din id-darba Casha jagħtina numru ta' poeżiji li jissejsu fuq il-versi tradizzjonali bħalma huma s-senarju, is-settenarju u l-ottonarju, flimkien mar-rima mqabbża. Hawn Casha juri dixxiplina fil-binja tal-versi. Ġeneralment il-poeżiji f'din il-ġabra mhumiex twal ħafna, apparti xogħlijiet bħal *Il-Konvoj tat-Tama* li jtul iktar minn żewġ paġni, fejn il-poeta jirrakkonta f'versi l-miġja tal-Konvoj ta' Santa Marija fit-Tieni Gwerra Dinjija. Il-lingwa li juża hija sempliċi imma li ddoqq sabiħ għall-widna u tinżel daqslikieku kienet duwa għal min jaqraha. It-temi huma varji: tiġrib uman, relazzjoni mal-elementi naturali, twemmin, storja, l-Ilsien Malti, il-poeżija stess. Kull poeżija hija riflessjoni sabiħa tassew li żgur tħalli eku pożittiv f'qalb il-qarrej.




***NIMIRĦU MAŻ-ŻMIEN* ta' Marlene Saliba, Faraxa Publishing, 2014.**

Fi kliem Dr Josette Attard, f'din il-ġabra poetika l-poetessa tivvjaġġa poetikament lejn il-kożmos għax tħossha ħaġa waħda miegħu. Il-perfezzjoni li ssib fil-kożmos hija riflessa fil-lessiku użat bl-aktar mod metikoluż. Elementi li jikkomponu dan ix-xogħol huma l-ħsieb mirqum, l-għażla wiesgħa ta' forom metriċi, terminoloġija rikka li toħloq versi mużikali xi waqtiet imsaħħrin bir-rima, flimkien ma' għadd kbir ta' xbihat meħudin l-aktar mid-dinja naturali u mill-univers, fosthom il-kwiekeb, is-siġar, ix-xmajjar, il-baħar, is-sema u l-irjieħ. Dawn ix-xbihat huma xhieda tat-tiftix kontinwu għall-qofol tal-eżistenza, 'il hinn minn dak kollu li jgħaddi u għalhekk mhux essenzjali. Saliba b'hekk jirnexxilha toħloq dinja mistika u sagra, eterna u infinita, anki jekk hi dinja li jgħix fiha kull bniedem komuni u jġarrabha. Il-qarrej jgħaddi minn taħlita ta' esperjenzi psikoloġiċi, reliġjużi, storiċi u l-bqija, kollha esperjenzi li ġġarrabhom kemm iġġarrabhom donnhok dejjem qed tesperjenzahom għall-ewwel darba.

# minn fuq l-ixkaffa




***L-ISTORJA TAL-INNU MALTI* ta' Oliver Friggieri, KKM, 2014.**

Il-qawmien fi żmien il-Franċiżi, l-influwenza tar-Risorġiment Taljan, il-Kwistjoni tal-Lingwa, ir-rebħa tal-Malti bħala l-ilsien nazzjonali, it-twaqqif tal-blokki politiċi, l-irvell tas-Sette Giugno 1919, l-ewwel Parlament fl-1921: dan hu l-isfond ta' dan ir-rakkont dwar kif u xi jfisser l-Innu Nazzjonali ta' kolonja fil-mixja lejn is-sovranità. Fis-sena 1922, is-sena tal-Ewwel Festa Nazzjonali u tal-ewwel preżentazzjoni tal-*Innu Malti*, il-Maltin affermaw formalment in-nazzjonalità tagħhom. Din hi riċerka li tistabilixxi li l-eqdem manuskritt tal-*Innu Malti* jġib id-data tal-25 ta' Novembru 1922, xahar qabel l-ewwel rappreżentazzjoni tal-*Innu Malti* fis-27 ta' Diċembru 1922. Il-motiv mużikali tat-Tabib Robert Samut, il-versi ta' Dun Karm, l-armonizzazzjoni ta' Mro. Paul Nani, l-adattament għall-banda ta' Mro. Vincenzo Ciappara, u l-ħila organizzattiva ta' Dr. Albert V. Laferla. Dan, analiżi kelma b'kelma tal-verżjoni finali tal-*Innu Malti*, u iktar f'150 paġna.




***WERAQ TAL-ĦARIFA* ta' Alfred Massa, Pubblikazzjoni Bronk, 2014.**

Dan huwa l-iktar rumanz reċenti ta' Alfred Massa: jinqasam f'20 kapitlu u ftit iktar minn 200 paġna. Naqraw dwar żewġ anzjani, Salvu u martu Vanda, xempju tal-ħajja tal-anzjani Maltin fi żminijietna. Huma jħarsu lura lejn ħajjithom. Salvu kien tilef lill-ewwel mara tiegħu f'inċident. Vanda tilfet lil oħtha fil-Ġermanja. It-tnejn jinsabu fil-ħarifa ta' ħajjithom wiċċ imb wiċċ mal-problemi tal-ħajja. Fl-aħħar Vanda titlef il-ġlieda mal-mewt wara żmien tgħix f'dimensja qalila. Salvu jħares mit-tieqa jara x-xita nieżla u jiftakar fix-xitwa ta' ħajtu li dejjem iħossha riesqa lejh. Il-kappillan jipprova jwennishom u jimliehom dejjem bit-tama. L-ewwel rumanz ta' Massa kien *Is-Salib tal-Ġiżirana* u ħareġ fl-1973. Mela hawn għandna rumanzier li għandu 40 sena esperjenza fil-qasam tal-kitba. Huwa wkoll President Onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin u awtur ta' żewġ ġabriet poetiċi. *Weraq tal-Ħarifa* huwa ddedikat lill-anzjani kollha u huwa ideali għal min iħobb jaqra storja sempliċi li twassal valuri pożittivi, miktuba b'lingwa nadifa; storja li tgħallem u tagħti gost fl-istess ħin.




***GRAMMATIKA MALTIJA* ta' Mario Attard, De La Salle Brothers Publications, 2014.**

Dan hu kors prattiku fil-lingwa Maltija mibni fuq żewġ taqsimiet bil-għan li gradwalment iħejji lill-istudenti tal-Malti sa mill-ewwel klassi tal-livell seondarju biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-grammatika Maltija. Din hi ħidma biex fl-aħħar mill-aħħar twassal għall-eżami taċ-Ċertifikat fl-Edukazzjoni Sekondarja (ĊES). Il-ktieb jinqasam f'żewġ partijiet. Fl-ewwel taqsima nsibu trattament tal-grammatika Maltija f'erba' sezzjonijiet, bil-għan li tħejji lill-istudenti għall-parti prattika li tinsab fit-tieni taqsima. Din tal-aħħar hija magħmula minn għaxar testi b'għadd kbir ta' taħriġ grammatikali wara kull test. Hemm ukoll sezzjoni li sservi ta' aġġornament għal xi tibdiliet li seħħew fil-Malti, għajnuna oħra li għandha tgħin fit-tnaqqis ta' żbalji fejn jidħol il-Malti miktub, u anki CD li tinkludi għadd ta' taħriġ grammatikali ieħor meħud prinċipalment minn *Grammatika Maltija* ta' Bro. Henry (riveduta minn Charles Briffa). Inklużi wkoll Kelmtejn Tad-Direttur u Provinċjal, Bro. Martin Borg F.S.C. Il-qoxra hija tal-għalliem u artist Hilary Spiteri.